Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 3 ta' April 2017**
**(OR. fr)**

**7782/17**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2016/0023 (COD)**

**CODEC 504**
**ENV 300**
**COMER 45**
**MI 285**
**ONU 49**
**SAN 130**
**IND 75**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-merkurju, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1102/2008 **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġislattiv |

1. Fit-2 ta' Frar 2016, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha[1], ibbażata fuq l-Artikolu 192(1) u l-Artikolu 207 TFUE.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ta l-opinjoni tiegħu fil-25 ta' Mejju 2016[2]. Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat.

3. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni fl-14 ta' Marzu 2017. Ir-riżultat tal-vot tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill[3].

[1] dok. 5771/16.
[2] dok. 7220/17.
[3] ĠU C 303, 19.8.2016, p. 122.

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi lill-Kunsill:

- japprova, bl-astensjoni tad-delegazzjoni Bulgara u dik Ungeriża, il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, kif tidher fid-dokument PE-CONS 4/17;

- jiddeċiedi li fil-minuti ta' din is-sessjoni jiddaħħlu d-dikjarazzjonijiet li jidhru fl-Addendum għal din in-nota.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.